DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-25 ta' Mejju 2009

li taħtar membru Estonjan tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

(2009/418/KE, Euratom)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 259 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 167 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni 2006/524/KE, Euratom [1],

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Gvern Estonjan,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni,

Billi: konsegwentement għar-riżenja tas-Sinjura Kristina TSHISTOVA sar vakanti post ta' membru fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Is-Sinjura Reet TEDER, Eesti Kaubandus-Tööstuskoja poliitikadirektor - I grupp - tööandjate esindajad. (Id-Direttriċi tal-Politika tal-Kamra tal-Kummerċ u l-Industrija Estonjana - Grupp I - rappreżentanti ta' min iħaddem) hija b'dan maħtura bħala membru tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-bqija tal-mandat attwali, jiġifieri sal-20 ta' Settembru 2010.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandu jkollha effett mill-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, 25 ta' Mejju 2009.

Għall-Kunsill

Il-President

J. ŠEBESTA

[1] ĠU L 207, 28.7.2006, p. 30.